31976R0707

31.3.1976 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 84/1

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 707/76**

**tal-25 ta' Marzu 1976**

**dwar l-għarfien ta' gruppi tal-produtturi ta' dawk li jrabbu d-dud tal-ħarir**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artiklu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Billi, sabiex ikun hemm għajnuna biex jiġi żgurat qligħ ġust għal dawk li jrabbu d-dud tal-ħarir u sabiex jiġi stabbilizzat is-suq f'dawn il-prodotti, iċ-ċentralizzazzjoni tal-provvista u l-adattazzjoni tal-produzzjoni għall-ħtiġiet tas-suq permezz ta' azzjoni konġunta minn dawk li jrabbu d-dud tal-ħarir għandha tiġi mħajra;

Billi dawn il-miri jistgħu jiġu segwiti bill-formazzjoni ta' gruppi tal-produtturi li jobbligaw lill-membri tagħhom li jikkonformaw ma' ċerti regoli fir-rigward tal-produzzjoni u l-*marketing*;

Billi, biex tiġi evitata kull diskriminazzjoni bejn il-produtturi u biex tiġi żgurata l-unità u l-effettività ta' kull azzjoni meħuda, kondizzjonijiet għandhom jiġu preskritti, applikabbli mal-Komunità kollha, li magħhom il-gruppi tal-produtturi jridu jikkonformaw biex jikkwalifikaw għall-għarfien mill-Istati Membri,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, "gruppi tal-produtturi li għandhom l-għarfien" tfisser kull grupp ta' dawk li jrabbu d-dud tal-ħarir iffurmat min dawk li jrabbu huma stess għal xi wieħed minn dawn iż-żewġ għanijiet li ġejjin:

(a) biex iħajru ċ-ċentralizzazzjoni tal-provvisti;

(b) biex jagħmlu disponibbli lil dawk li jrabbu risorsi tekniċi adegwati għall-preparazzjoni, l-ħażna, u l-*marketing* tal-prodotti tat-trobbija tad-dud tal-ħarir, bil- kondizzjoni:

— li l-produzzjoni kollha tagħhom tiġi mqiegħda fis-suq, jiġifieri mibjugħa lin-negozju bl-ingrossa jew lill-industriji ta' l-utenti, mill-grupp tal-produtturi għalkemm il-grupp jista' jeżenta lil dawk li jrabbu minn din l-obbligazzjoni fir-rigward ta' ċerti kwantitajiet,

— li japplikaw, fir-rigward il-produzzjoni u l-*marketing*, ir-regoli adottati mill-grupp tal-produtturi mfassla biex jadattaw il-volum tal-provvista u l-kwalità tal-prodott għall-ħtiġiet tas-suq,

u li jkollhom l-għarfien minn Stat Membru skond l-Artikolu 2.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jagħrfu gruppi, sal-limitu li l-attivitajiet tagħhom jinkludu l-produzzjoni u l-*marketing* ta' fosqda, li jitolbu l-għarfien u jikkonformaw maż-żewġ kondizzjonijiet ġenerali li ġejjin u dawk preskritti fl-Artikolu 1. Huma għandhom:

(a) jagħtu prova ta' l-attività ekonomika fuq skala adekwata;

(b) jeskludu, fil-qasam kollu ta' l-attività tagħhom, kull diskriminazzjoni tkun xi tkun bejn dawk li jrabbu fil-Komunità fir-rigward fost ħwejjeġ oħra tan-nazzjonalità tagħhom jew il-post tagħhom fejn ikunu stabbiliti;

(c) ikollhom personalità legali jew kapaċità legali suffiċjenti biex igawdu drittijiet u jkunu suġġetti għal obbligazzjonijiet skond il-liġi nazzjonali;

(d) jinkludu fir-regoli tagħhom:

— l-obbligazzjoni li jżomm kontijiet separati għall-attivitajiet li fir-rigward tagħhom ikunu ngħataw l-għarfien;

([1]) ĠU C 53, tat-8.3.1976, p. 24.
([2]) ĠU C 50, tal-4.3.1976, p. 19.

— disposizzjonijiet immirati biex jiżguraw li l-membri ta' grupp li jixtiequ li ma jibqgħux membri jistgħu jagħmlu dan biss wara li jkunu membri għal ta' l-inqas tlett snin minn mindu l-grupp ikun ingħata l-għarfien b'dan illi jinfurmaw lill-grupp bl-intenzjoni tagħhom ta l-inqas minn sena qabel. Dawn id-disposizzjonijiet għandhom jgħoddu mingħajr preġudizzju għal kull disposizzjonij fil-liġi nazzjonali mfassla biex tipproteġi lill-grupp jew lill-kredituri tiegħu, f'każijiet speċifikati, kontra kull konsegwenzi finanzjarji li tista' tirriżulta mill-irtirar ta' membru jew li tipprekludi membru milli jirtira fil-kors tas-sena finanzjarja.

(e) ma jkollhomx membri oħra għajr dawk li jrabbu d-dud tal-ħarir.

2. L-Istat Membru li fit-territorju tiegħu il-grupp tal-produttur ikollu l-uffiċċju reġistrat tiegħu għandu jkun l-awtorità li tkun kompetenti li tagħti l-għarfien lill-gruppi tal-produtturi.

*Artikolu 3*

Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom, fejn meħtieġ, jiġu adottati skond il-proċedura kif provduta fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1308/70 tad-29 ta' Ġunju 1970 dwar l-organizzazzjoni komuni fis-suq tal-kittien u l-qanneb [1], kif emendat mill-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni u l-aġġustamenti tat-Trattati [2].

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' April 1976.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-25 ta' Marzu 1976.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. MART

(1) ĠU L 146, ta' l-4.7.1970, p. 1.
(2) ĠU L 73, tas-27.3.1972, p. 14.